MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2171/2003

**James Camilleri & Sons Limited**

**vs**

**Joseph Demicoli**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-28 ta' Ottubru, 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat hallas lis-socjeta atrrici s-somma ta' tliet mija u sebgha liri Maltin (Lm307.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-imghax legali mid-data tal-konsenja (18 ta' Marsu, 2002, skond il-fattura annessa u mmarkata DoK JC ) sal-pagament effettiv u bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittri bonarji datati 18 ta' Gunju, 2003 u 11 ta' Settembru, 2003,

u tal-konsult kontra l-istess konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet mija u sebgha liri maltin (Lm307.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------